sabar, bħal cull xorta ta *Artisti* oħra, insemmu mn'issa l'Aŭturi taħħom, bla ma nokogħdu nagħżlu għal issa l'*Artisti* mid-*Dilettanti*.

Rajna, mela, xogħlijet sbieħ tal aħŭa Caruana Dingli, is-Sur Rubert u it-Tenent Ďŭardu, R. M. A.—tas-Sur Ġanni Vella—tal Barunissa Sophie von Scheve, tas Sinjura Horsley u tas-Sinjura Grenall—tal Professur Pisani u tas-Sur L. M. Galea—tas-Sur Samut Tagliaferro u tat-tfajjel A. Blackman, barra minn daŭc tas-Sur Mast Giuseppi Duca, li semmejna kabel.

Dac it-tfajjel—A. Blackman—Alla taħ il *genju* tad-disinn: u, jecc għandu bżonn il għajnuna biex jissocta jitgħallem, ix-*Xirca* li kiegħda tkankal daŭn il *Ŭiriet tat-tpingija* għandha id-dmir li tgħinu b'cull ħaġa li jaħtieġ!

FRA MELITON.

## NAHAL FÛK IL ŬARD

*Il Pajjisi Cattolici u'l Pajjisi Protestanti*

*Xi protestanti chitbu hecc*: Il pajjisi cattolici għadhom l'ura u coll ma immorru actar dejjem igħadduhom il pajjisi protestanti. Minn dan tara li ir-religion tal protestanti iggîb in-nies il kuddiem, fejn dic tal cattolici titlakhom u tfakkarhom. Naraŭh dan fl'Austrja, fi Franża u fi Spanja li sejrîn dejjem actar l'ura.

*Nŭieġbuhom*: Xi pajjisi, li chienu cattolici, imxeŭ il kuddiem ucoll meta chienu igħożżu ir-religion cattolica. Il Germanja u'd-Danimarca chellhom setgħa acbar sachemm zammeŭ ir-religion cattolica, milli ŭara li kalbu għal dic tal protestanti. Li chienet is-setgħa ta fûk l'art dic li taktaħha jecc religion hix vera jeŭ le, chien icollna ngħidu li il Lhud huma fis-seŭŭa ŭisk actar milli il protestanti. Barra minn dan, il gîd u'l hena fl'art ta pajjis mux mgħar-religion li jistkarr għandhom x'jaksmu, imma l'actar, u chemm mux għalcollox, mgħal *clima*, mgħal art, mgħaddehen, il għakâl u'l ħeġġa ta nies cbar li icollu, mgħat-trigija ta mîn jaħchem fuku, mgħal güerer, mgħal ftehim magħ pajjisi oħrajn u magħ ħŭejjeġ oħra bħal daŭn. Mîn jaħseb xort'oħra moħħu ħeff.

Nħarsu lejn il pajjisi ŭieħed ŭieħed.

Il Germanja hija akŭŭa minn Franża, għax tgħodt nies 57 miljun, fil ŭakt li Franża ma għandhiex ħlief 38 miljun. Il Germanja hija akŭŭa mil Austrja, għax din fiha 10 miljuni nies ankas minn dic, u tinsâb mgħammra b'ħafna ġnûs, li ma jakblux fil fehma u dejjem bil ġlied bejniethom. L'Olanda, għad li mux biss protestanti imma f'râs il pajjisi protestanti collha, ŭakgħet baxx. Franża, ŭakt il ħrâra tagħha għar-religion cattolica, taħt Luigi XIV u Napuljun, għal darbtejn chienet l'akŭŭa ŭaħda taddinja. L'Inghilterra u l'Amerchi ta fûk ebda eserĉtu ma jista għalihom, għax għandhom il vantaġġ li huma mifrudîn bil baħar minn pajjisi oħrajn. Fiż-żminijet tan-nofs l'Italja, mħabba fli fejn hi kegħda, chienet f'râs il cummerĉ; nfaccru ir-repubblichi ta Venezja u ta Genŭa. Fis-seclu XV u XVI li Spanjoli u'l Portughisi, li huma cattolici, chienu jaħcmu fûk il bħûr collha. L'Italja u Spanja illûm m'humiex minn tal eŭŭel l'actar għaliex l'art tagħhom, billi hîla bosta tinħadem, hija illûm art mirdugħa, li ma taħlibx bosta, u għaliex ucoll ma għandhomx barrieri tal faħam, tal ħadîd.... Ix-xogħol, li jatu daŭn, li għamilhom cbar lil pajjisi li jissemmeŭ illûm.

U nistgħu ngħidu li *l'industriji*, li minn ftît taż-żmien il haŭn fâru u kanklu sħieħ il cummerĉ fid-dinja, chienu b'risk il pajjisi protestanti u actarx għamlu ħsâra lill pajjisi cattolici, billi daŭc jatu bla tarf iżjed minn daŭn faħam tal gebla u ħadîd, li jinħtieġu bil bosta għal daŭc ix-xogħlijiet ta macni. Imma ankas dan m'hu minnu għalcollox. Il Belgju hu pajjis l'actar ħautîel u ħaddiem u li għal industriji igîb il għira lil akŭŭa pajjisi; mela ir-religion cattolica ma chienitx għalih ta tfixchîl, chif iridu igħidu daŭc. It Taljani mbagħad ma jistgħux jarġgħu jiġu l'eŭŭel fil cummerĉ mgħad dinja, isîru ŭieħed mil akŭŭa pajjisi għal industriji, jarġgħu jicsbu is-setgħa li chellha Ruma taħt l'imperaturi, li chienet taħchem fûk id-dinja, ankas jecc jakalbu collha protestanti.

DUN PAŬL.

## ALLA JAHSEB!

Bla xejn ma teħda,
 Tgħanni u tittajjar;
 Katt ma titħajjar
 Tbiddel xortic:
Għasfur tal ajru
 Tarbit ir-raba,
 Tant hena u xaba
 Mîn k'ed jatic?
  Alla iħennini,
  Hu li ħalakni;
  Alla irejjakni,
  Iżjed ma 'rridx.
Ŭarda tax-xgħari
 Ġo 'l blat moħbija,
 Tfeŭŭaħ, mogħnija
 B'leŭnec cull żmien:
Bla ma taf tinseġ,
 Għid mîn bi ħleŭŭa
 Libbsec hecc seŭŭa,
 Bint is-sisien?
  Alla ilibbisni:
  Għalchemm jen ĉchejcna,
  Tgħidlix imsejcna;
  Iżjed ma 'rridx.
Jien biss, jien niekes
 Mit-tama f'Sidi,
 Ma nagħrafx gidi,
 Mgħobbi bil ħsieb:
S'issa mîn tani
 Ħajr li nitrabba,
 Saħħa u imħabba,
 Fehma u iħbieb?
  Għid bħall għasafar,
  Bħall ŭard, kalb tiegħi:
  Jecc Alla hu miegħi,
  Iżjed x'irrid?

25-2-12. Prof. DUN C. PSAILA.

## Lis-Sur M. P. V.

Kabel xejn, niżżu-ħajr lis-Sur M. P. V. li għoġbu jistaksi bl'*Ingliż*, fil *Malta Herald*, lis Sur *Giuseppi Micallef Goggi*, jecc jistax igħidlu f'liema *faĉĉata* ta liema *ctieb* jinsab dac il cliem tal *Papa Benedittu Erbatax* li hu gieb fl'aħħar ħarġa tal *Habib*, fuk il qŭistjoni ta *Malta u Mileda*. U irridu inŭieġbu aħna, għax, jecc hemm xi ħtija, hi collha tagħna. Difatti, is-Sur Micallef Goggi, fl'articlu tiegħu, ŭara il chelmiet bil Latin tal Papa Benedittu Erbatax, chien immarca: *Inst.Eccl. Inst.XL VII N.56*; u aħna neħħejnihom, għax dehrilna li ma chienux tal bżonn.

Issa, mela, is-Sur M. P. V. jaf f'liema *faĉĉata* ta liema *ctieb* jinsabu daŭc il chelmiet tal Papa Benedittu Erbatax: u jista' jibda li studju tiegħu fukhom. Anzi, biex ngħinuħ, irridu ngħidulu li Monsinjur Canonicu Farrugia, Prelat tal Papa u Professur tal Filosofija—ŭieħed mil għeref Sacerdoti ta Malta—ftit ġranet kabel l'articlu tas-Sur Micallef Goggi, fil *Conferenza* li għamel l'Università, fuk *Malta u Mileda*, chien semma ucoll dic is-sentenza tal Papa Benedittu Erbatax. Dic il *Couferenza*, chif smajna, sejjra tcun stampata: u, mita toħroġ, naħsbu li is-Sur M.P.V. icollu daŭl cbir minnha, għax fiha ŭisk actar minn dan li kiegħdin insemmu.

Xtakna biss li is-Sur M. P. V. chiteb lilna bil Malti mill'eŭŭel: għax, la jakra il *Habib*, għandna nifhmu li hu Malti bħalna: u, għad li tàna impurtanza cbira b'mistoksija hecc żgħira f'gażetta ingliża, sata jiġri li ma nakraŭhiex; u hu chien jibka' fid-dlam, fil ŭakt li aħna conna nagħmlu figura li ma għarafniex inŭieġbuħ. M'hux actar sabiħ niftehmu bil Malti fil *Habib*—ngħidu aħna, bejnietna?....

## Ma dûar il Gzira

L'eŭŭel nett, inŭieġbu lil dac l'*Imsieħeb* li staksiena jecc li *Statut tax-Xirca Cattolica* hux mgħoddi mill'Iskof. Jistgħu jibkgħu sguri daŭc collha li huma imħajjrin jidħlu fix-*Xirca Cattolica* li mhux biss li Statut hu mgħoddi mill'Iskof, imma li xejn ma isir mil *Cumitat tal Appostulat tat-Talb* li ma icollhiex pjacir biħ l'Aŭtorità tal Cnisja. F'dan il Cumitat, li, bħalma għedna, fiħ 26 persuna mill'aħjar, hemm ħames Monsinjuri (fosthom, li stess Segretarju tal Iskof) u Sacerdoti oħra li tas-seŭ jixtieku il gid tannies tas-snajja u tal ħaddiema u iridu jaħdmu għall Poplu bil ħila u il ħrara taħħom collha. Darb'oħra ingibu il Cumitat sħiħ, biex cull-ħadd icun jaf ma min kiegħed jagħmilha.

—Niżżu-ħajr lid-Direttur tal *Habbar ta Sant'Antnin*, li, fil ħarġa ta dan ix-xahar, għoġbu ixandarna mal karrejja tiegħu u jirriccmandana maħħom. Aħna ucoll nixtieku li dac il *Habbar* jiġri f'idejn il karrejja tagħna, għax biħ ma jistax isir ħlief gid: u nilkgħu bil kalb collha li bidla li offrielna.

—Niżżu-ħajr ucoll lit-Tabib Ġanni Gulia, ragel għaref u chittieb mit-tajjbin, li bgħatilna il ctieb tiegħu *La Geologia ed i fossili delle isole maltesi*. Dan li studju sabiħ u ĉar fuk *chif in hi maħluka u xi trodd l'art ta Malta* jinsab miġbur fiħ cull ma chitbu fuk hecc l'aħjar Chittieba tad-dinja u deher fil *Güida* tas-Sur *G. Muscat*, li aħna semmejnielcom darb'oħra, It-Tabib Gulia, ŭieħed mill'ekdem ħbieb tagħna, issemma ŭisk barra minn Malta fuk daŭn li studji tiegħu u giè imsieħeb fl'akŭa *Xirchiet* tal Eŭropa. Mela, incunu kiegħdin natucom bxara tajjba, mita ngħidulcom li hu, imħajjar minn'na, sejjer jicteb xi ħaġa bil Malti għall karrejja tal *Habib* fuk dan it-tagħlim ta daŭl u fejda mill'actar.

—Mitlubin infaccru li fil 15, fis-16 u fis-17 dan ix-xahar icun hemm l'Adurazzjoni tal *Erbgħin siegħa* (Quarant'ore) fil Cnisja ta *Santu Ŭistin* tal Belt, bi priedca cull-jum, fil ħamsa u qŭart ta fil-għaxija. Fl'aħħar ġurnata, fis-sitta ta fil-għodu, icun hemm ucoll Kuddiesa bil *Comunjoni-Generali*: u naħsbu li ħadd miĉ-Cinturati, jecc icun jista', ma jonkos dic il għodŭa: imma jixrak li jersku ucoll cull-jum għall'*Adurazzjoni*.

—Ma 'nħobbux insemmu il ħsarat li il bniedmin, jeŭ imgienen, jeŭ ivvizzjati, jeŭ jeshom maktuħ għal-collox, igibu lilhom infushom, għax daŭc mardiet coroħ li jittieħdu: u għal-hecc fil *Habib* katt ma 'ssibu li il flien kabeż minn fuk it-tali sur, jeŭ kata' grieżmu, jeŭ bala' it toscu—fi ftit cliem, li katel-ruħu b'idejħ. Imma il ħsarat bħal dic li ġrat nhar il ħadd li għadda ħdejn ħaż-Żebbuġ insemmuhom, għax il karrejja tal *Habib* għandhom il jedd icunu jafu bihom. Mela, nhar il ħadd li għadda, fit-3 u nofs ta ŭara nofs in-nhar, Giuseppi Barbara, minn ħal Għaxak, chif chien dieħel ħaż-Żebbuġ bil carozzin tiegħu, micri lil Giorgi u

Roži Bugelli, li chienu sejjrin minn Bormla, fejn jokoghdu, biex jaghmlu žjara lil ŭaħda tigi minnhom f'dac ir-raħal, nafarlu iż-žiemel: u dan, maħrub ghal-collox, kaleb il carozzin. Ir-ragel tal carozzin u it-tnejn minnies li chellu geŭŭa issabbtu collha mal art b'herra cbira: u Giorgi Bugelli biss ħelisha bi ftit brix u b'katgha li tistghu taħsbu chif ħallietu. L'imsejchen Barbara ħaduħ, mitluf mis-sensi tieghu, li Sptar tal Furiana, fejn miet sbiħ it-tnejn; u Roži Bugelli, mitlufa ucoll, ġabruha ghand ħuha, li f'loc bi žjara tal ferħ, chellu jilkaħħa f'dic il ħsara collha. In-nies ta dac ir-raħal kabžu ghall'imsejcnin chemm setghu u it-Tabib Vassall deŭŭihom mill'aħjar u bla telf ta žmien: imma Giuseppi Barbara baka' mitluf sa ħarget ruħu u Roži Bugelli ghadha ħažin.

—Nhar it-tlieta tal gimgha id-dieħla, fis-7 nieksin qŭart ta fil-ghodu, issir Kuddiesa bil *Comunjoni-Generali* fil Cnisja *tal-Vitoria*, haŭn il-Belt, ghax dac in-nhar San Flippu Neri, imsejjaħ l'*Appostlu ta Ruma*, jaghlak 290 sena mil ġurnata li fiha giè maghmul Kaddis. Mitlubin infaccru lill Fratelli ta dic il Cumpanija b'din il lakgha. Il Cumpanija ta San Flippu Neri li kieghdin insemmu fiha bosta Sacerdoti u Seculari mill'aħjar: hi ŭaħda mill' actar antichi u stmati: u chienet giet imŭakkfa f'dic l'eŭŭel Cnisja li inbniet fil Belt mil Cavalieri ta San Gŭann.

—Ir-Reverendissimu Monsinjur Canonicu Teòlogu Dun Ŭiġ Vella D.D., tal Matrici ta Ghaŭdex, ried ucoll joffrilna il bidla tal *Habib* mal *Eucaristija, habbar ta Gesù Sagramentat*—kari tajjeb u sabiħ, li joħroġ, f'dic il gžira, taħt id-direzzjoni tieghu. Chif ma nižžuħx ħajr u ma naċċettaŭx bil ferħa?..

—Il *Biedja ta Marzu* inħalluha ghal darb'oħra.

—It-*Taħdita bejn Toni u Peppi*, fuk il Providenza, ghoġbitna ħafna: u, mita icun ŭaktha, nuruha id-daŭl.

## IL HOLKIEN

*(jissocta fuk ir-raba ħarġa)*

Minn dac iż-żmien lil haŭn saru ŭisk kisien oħra, u it-telescopiu u it-teodolit li geŭ sat-tant micxufa, sŭeŭ ŭisk ghal dan il-ħsieb. Illum il ġurnata nafu li l-art chif iddur tati ħżiem ta 40 miljun metru; jigifieri 40 elf chilòmetru. Tghiduli: U chif mar inzerta numru hecc tond?!— Numru tond mux ghax inzerta, imma ghax il kies tal metru u tal chilòmetru, li hu kies franciż, imdaħħal illum ucoll fl-Italja, fi Spanja, fil Portugall,fil Germanja, fi Svezja,fin-Norvegja, fl-America u min jibka' ħaj naraŭh imdaħħal ucoll Malta u GHaŭdex is-sena li gejja, floc il kies malti,—iva—il kies tal metru u dac tal chilòmetru saru fuk il kies tal ħziem taŭ-dinja. Id-daŭra collha tkassmet f-40 miljun biċċa, u cull biċċa semmeŭha metru. Cull elf metru inbaghad taŭh l-isem ta' chilòmetru. Cull chilòmetru fih daks mit-tmienja ħamsa ta mîl ingliż; jeŭ bi cliem ieħor, cull tmien chilòmetri fihom daks ħames mîli.

IT-TOKOL.

Li l-art hi tonda stajna nipprovaŭh b-ħaġa li tidher, jigifieri bil vapuri li l-eŭŭel ma tghib minnhon hi l-eħxen u l-ibxa biċċa, jigifieri żakkhom, u inbaghad l-irkak u l-oghla, jigifieri l-arbli: sinjal li mux imħabba il boghod icunu keghdin jghibu, ghax li chien hecc, chiecu chienu jibdeŭ minn l-irkak u jispiċċaŭ fl-eħxen, imma minħabba żakk ŭiċċ il-baħar, żakk li bla ma tidher xejn f-medda żghira, tghallem ħafna, nghidu aħna, fi tletin mîl, tant li taħbi ŭarajha vapur bl-arbli b-collox. U dan hecc mad-dinja collha, prova li id-dinja hi tonda. Stajna ucoll nipprovaŭh bil cŭiecheb li actar ma ŭieħed jimxi lejn riħ li jcun, actar jiffaċċaŭ minnhom ġo dac ir-riħ, kishom ħergin minn ġol baħar. L-akŭa prova inbaghad hi tal vapuri li bil pruŭa dejjem geŭŭa il punent isibu ruħhom fl-aħħar fil post mnejn icunu telku. Imma jecc issa min kieghed jakra jcun irid jaf chif innies li, ħaġa minn eŭl id-dinja, ghandhom icunu keghdin imdaŭrin, ma dŭar il koxra ta l-art, kishom nemel ma dŭar laringa, ma jakghux, u chif, tarġa, din id-dinja, maktugha ghaliha, tista katt iżżomm bla taka', jaħtieġlu jiccontenta b dac li toffrilu ir-raġuni.

*(Jissocta)* G. Vassallo.

### TŬISSIJET FUK IS-SAĦĦA

It-trabi

Meta it-tarbija titrabba bil flixcun u ma tcunx tarda mn'ommha jeŭ mill'imreddgha, l'icbar periculu,illi spiss imarradha bl'imsaren u joktoiha, hu li tatuha ħalib mghoddi jeŭ imnigges: ghaldakstat jinħtieġ:—

(1) Li il ħalib icun maħlub mill' istess annimal u mhux mill'eŭŭel mghoża li tigi, u li icun maħlub bl'indafa collha;

(2) Li jinħaleb u jinżamm geŭŭa fliexchen jeŭ f'tazzi mghottija tajjeb, u maħsulin chif imiss bis-sapun u bil misħun;

(3) Li jintghata lit-tarbija dejjem frisc (il ħalib fis-sajf jikras ŭara saghtejn) u mghoddi min-nar minghajr ma jaghli;

(4) Il ħalib ghandu icun miżjud bl' ilma tal vit mgholli, jeŭ b'li mgholli tax-xghir maghmul frisc;

(5) Ghandu jintghata fietel: la sħun bosta, inkas chiesaħ, seŭ-seŭ tas-sħana ta gisem it-tarbija;

(6) Ghandu jintghata minn flixcun maghmul donnu fregatina, bil beżżula cbira u mtakkba ołxon, u mhux minn daŭc *irħas* bit-tubu tal lastcu, ghaliex daŭc ma jistghux jitnaddfu tajjeb u igibu it-tghaŭiġ tal fomm u mard fil grieżem u fis-sider b'li sforzi li taghmel it-tarbija biex ittalla ta geŭŭa fihom;

(7)F'loc ŭieħed, ghandu icollcom tnejn jeŭ tliet fliexchen, sabiex tistghu tnaddfuhom tajjeb bis-sapun jeŭ soda, takalghuhom biċċa biċċa, u ŭara iżżommuhom f'żingla bl'ilma nadif, sachemm tiġu bżonnhom; timleŭ ŭieħed ŭieħed bil ħalib fietel u imħallat (scond iż-żmien tat-tarbija) u tatuħ lilha.

Fl' aħħar nett, hemm min irabbi it-trabi bil ħalib *tal bottijet*. Dan ma fihx is-sustanza tal ħalib naturali u frisc, imma min ma jistax jaghmel ieħor, jista jŭza lilu fil fliexchen chif ghedna diġà.

Ŭara li it-tarbija tigi miftuma ghax tcun ghalket is-sena, l'ichel taħħa ghandu icun, barra mil ħalib tal mghoża, is-smid, l'*arrowroot*, il galletti mghollija, l'ichel tat-trabi li jigi minn barra fil bottijet, xi bajda frisca mghollija u ħŭejjeġ bħal daŭn; imma katt tatuha ichel ieħor u laħam, kabel ma icollha is-snien collha, jigifieri kabel is-sentejn. Ix-xorb tal inbid jeŭ spirti hu velenu ghat-trabi: ghalhecc jaghmlu ħażin ŭisk il missierijet li ideŭŭkuhom daŭn il ħŭejjeġ biex jiggustaŭhom ichemmxu ŭiċċhom meta jatuhom xi katra.

Jena taŭŭalt ftit iż żejjed fuk it-tmieħ tat-trabi, ghax id-90 fil 100 tat-trabi li imutu, specialment fis-sajf, geji mill'ichel ħażin li jitimghuhom.

*Jissocta* L. Manche'.

## Il Patata

B'dispiacir taghna, smjana li il marda li chienet dehret sentejn ilu, reġghet kieghda tirŭina din ix-xitla, li tati profitt lill bdieŭa u li hi tant meħtieġa ghall poplu.

Bosta bdieŭa ighidu li din il marda hi castig t'Alla, u ghal hecc iħallu il ħŭejjeġ jibkghu sejjrin scond in-natura. Hu veru li xejn ma isir contra il volontà t'Alla: imma aħna, chif, meta nimirdu nibaghtu ghat-tabib biex ifejjakna u jatina id-duŭa li jinħtieġ, hecc ucoll il bdieŭa chien imissħom jaghmlu dac li nies li jifhmu fil biedja ighidulhom; u chif ureŭhom sentejn ilu, bil provi li ghamel il Professur Ciccu Debono tar-*Rgotti*, is-Sur Ŭistin Randun ta ħal Tarxien u it-Tabib Borġ ta *Sant'-Anton*. Ghaldakstant, nirraccmandaŭ lill bdieŭa li jirricorru ghal daŭn it-tliet Sinjuri, li bla dubju huma pronti biex ighinuhom.

L'eŭŭel nisel tal Patata gejj mil Perù u minn pajjiżi oħra tal America. Din ix-xitla chien raha l'eŭŭel darba Cristoforu Colombu fil gżira ta *San Dumincu*, fil 1492; u mbaghad raŭha f'Valparaisu u fil Chili. Sas-seclu 15, ħadd ma chien jaf biha haŭn fl'Eŭropa. Din ix-xitla hecc preżjusa chienet migjuba biex taghni l'art taghna taħt il Gvern Ingliż. F'ħaż-Żabbar, bdeŭ l'industrja u ix-xoghol tal patata: u chien Giuseppi Xicluna, Sinjur minn dac ir-raħal, li żara l'eŭŭel ŭieħed, f'jannar tal 1805, erbgha u ghoxrin ratal Patata, f'erba' sieghan raba, u minnhom, f'mejju li giè ŭara, ħa 12 il kantar, li bieħħhom b'ghoxrin scut il kantar u hecc giebulu 240 scut.

Mistaghġbin il pajżani l'oħra minn tant kliħ ta din l'industrja tal patata, bdeŭ jiżirghu ma cullimchien, u hecc saret ŭaħda mill'industrji cbar tal campanja collha taghna.

W.

## Ta min jakrah

L'imfaħħar Patri Ciuti, ħabib ghażiż taghna, chellu ifittex jitlak minn haŭn malli ghamel dac il ġmiel ta Panigircu fil festa tan-*Naŭfragju ta San Paŭl*, ghax chien mistieden biex jaghmel *Discors fuk it-Taljani li mietu fil gŭerra ta Tripli*, fit-13 ta frar, geŭŭa is-*Sala ta li Storja Patrja* ta Palermu. Issa dac id-discors giè stampat u Malta haŭn minnu ghal bejħ ghand is Sur Ġann Dingli—*The Coronation Library*, Strada Vescovo, numru 185: u aħna nirraccmandaŭh lill karrejja collha tal *Habib* li jafu bit-Taljan. Tistghu taħsbu Patri Ciuti, li hu ŭieħed mil Predicaturi l'actar imsemmija tal Italja u li fil Panigircu tan *Naŭfragju* ħass dac collu ghall glorja tal Patrja taghna, chif tar bil gŭienaħ tal imħabba u tal fidi mita tchellem fuk il glorja tal Patrja tieghu!

